St Margaret College
Żabbar Primary B

**L-Attendenza fl-Iskola**
**Attendance Policy**

- L-Attendenza fl-iskola hija obbligatorja bil-liġi.

- L-iskola tibda fit-08:15 u tispiċċa fis-14.15. Matul ix-xahar ta' Ġunju, l-iskola tispiċċa f'12:00.

- Id-dħul fl-iskola jsir fit-08:10. Tfal li jiġu l-iskola bit-trasport, jidħlu l-iskola hekk kif jaslu.

- F'każ ta' maltemp filgħodu, l-bibien tal-iskola jinfetħu hekk kif ikun possibbli. Tfal ma joħorġux mill-iskola qabel għax ikun il-maltemp.

- Meta t-tfal ikunu assenti minħabba mard, irid jiġi ppreżentat ċertifikat tat-tabib hekk kif it-tfal jiġu lura l-iskola. Ċertifikati iridu jaslu l-iskola sa mhux aktar tard minn 3 ijiem minn meta t-tfal jidħlu lura l-iskola. Ċertifikati ma jiġux aċċettati wara dan il-perjodu.

- Jekk għal xi raġuni jew oħra (mhux medika) it-tfal ma jkunux jistgħu jattendu skola, il-ġenituri jew kustodji għandhom jinfurmaw lill-għalliema bil-miktub minn qabel.

- Kull meta t-tfal ma jiġux skola, anke jekk minħabba mard, il-ġenituri jew kustodji, jirċievu messaġġ fuq it-telefon ċellulari.

- Jekk it-tfal ma jattendux skola mingħajr raġuni medika jew valida, fl-aħħar tax-xahar dawn jiġu rappurtati awtomatikament.

- L-għalliema jżommu nota ta' dawk it-tfal li jaslu tard filgħodu. Jekk it-tfal jaslu l-iskola tard 3 darbiet, tintbagħat ittra d-dar. Jekk it-tfal jibqgħu jaslu tard, allura dawn jinżammu ġewwa waqt brejk.

- Jekk il-ġenituri jew kustodji ikollhom bżonn jieħdu t-tfal mill-iskola qabel il-ħin, dan isir mill-uffiċju tal-kap tal-iskola jew tal-assistenti kapijiet tal-iskola. Il-ġenituri jew kustodji huma mitluba jinfurmaw lill-għalliema dwar dan bil-miktub, minn qabel.

- Jekk it-tfal jinġabru qabel il-ħin minn persuna li mhix il-ġenituri jew kustodji, allura jkun hemm bżonn ta' nota mingħand il-ġenituri jew kustodji, flimkien mal-karta tal-identità' ta' min ikun ser jiġbor it-tfal. Il-ġenituri jew kustodji huma mitluba jinfurmaw lill-għalliema dwar dan bil-miktub, minn qabel.

- Il-ġenituri jew kustodji huma mitluba jinfurmaw lill-għalliema b'xi tibdil li jista' jkun hemm rigward il-mod kif it-tfal imorru d-dar mill-iskola bil-miktub u minn qabel. L-iskola mhix responsabbli minn tibdil li l-ġenituri jew kustodji jagħmlu u li dwaru l-iskola ma tkunx infurmata bil-miktub. L-iskola ma tistax taċċetta telefonati dwar tibdil kif it-tfal imorru d-dar mill-iskola, anke jekk għal darba biss.

- Ħarġiet edukattivi huma parti importanti mill-ħajja tal-iskola, u l-attendenza hija obbligatorja.

- Ikun hemm ġranet fis-sena meta l-iskola tispiċċa qabel il-ħin tas-soltu. Il-ġenituri jew kustodji jkunu nfurmati b'dan bil-miktub u l-ġenituri jew kustodji għandhom ir-responsabbiltà li jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa.